2026/2320

16.10.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2026/2320

tat-13 ta' Ottubru 2026

dwar il-ħatra tal-Kap taċ-Ċellola Ċivili ta' Kmand u Appoġġ tal-Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b'appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea (EUSDI Golf tal-Guinea) (EUSDI/2/2026)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1599 tat-3 ta' Awwissu 2023 dwar Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b'appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1599, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b'appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea (EUSDI Golf tal-Guinea), inkluż deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kap taċ-Ċellola Ċivili ta' Kmand u Appoġġ.

(2) Fl-4 ta' Diċembru 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/2472 ([2]), li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1599 u li testendi l-mandat tal-EUSDI Golf tal-Guinea mill-11 ta' Diċembru 2025 sal-31 ta' Diċembru 2027.

(3) Fid-9 ta' Diċembru 2025, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/2533 ([3]), li testendi l-mandat tas-Sur Philippe CHEVET bħala Kap taċ-Ċellola Ċivili ta' Kmand u Appoġġ tal-EUSDI Golf tal-Guinea mill-11 ta' Diċembru 2025 sad-19 ta' Ottubru 2026.

(4) Fit-22 ta' Settembru 2026, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet il-ħatra tas-Sur Paulo Antonio PEREIRA SOARES bħala Kap taċ-Ċellola Ċivili ta' Kmand u Appoġġ tal-EUSDI Golf tal-Guinea mill-20 ta' Ottubru 2026 sad-19 ta' Ottubru 2027.

(5) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tas-Sur Paulo Antonio PEREIRA SOARES bħala Kap taċ-Ċellola Ċivili ta' Kmand u Appoġġ tal-EUSDI Golf tal-Guinea mill-20 ta' Ottubru 2026 sad-19 ta' Ottubru 2027,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Paulo Antonio PEREIRA SOARES huwa maħtur Kap taċ-Ċellola Ċivili ta' Kmand u Appoġġ tal-Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b'appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea (EUSDI Golf tal-Guinea) mill-20 ta' Ottubru 2026 sad-19 ta' Ottubru 2027.

([1]) ĠU L 196, 4.8.2023, p. 25, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1599/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/2472 tal-4 ta' Diċembru 2025 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1599 dwar Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b'appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea (ĠU L, 2025/2472, 5.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2472/oj).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2025/2533 tad-9 ta' Diċembru 2025 li testendi l-mandat tal-Kap taċ-Ċellola Ċivili ta' Kmand u Appoġġ tal-Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b'appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea (EUSDI/3/2025) (ĠU L, 2025/2533, 11.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2533/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

L. FEENEY